**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xewkija**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 61 (Laqgħa b'urġenza)**

**2 ta' Mejju 2017**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Torri Tinghi, Xewkija, Għawdex fl-4.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Paul Azzopardi - Sindku

Domenic Zerafa - Viċi Sindku

George Zammit - Kunsillier

Hubert Saliba - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

Jeanelle Attard - Kunsilliera

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ivan Attard - Aġent Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Paul Azzopardi ippresieda l-laqgħa.

**61.1 Qari tal-Ittri ta' apoloġiji;**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard informa lill-membri li l-Kunsilliera Jeanelle Attard infurmat verbalment lill-*Assistant Principal* tal-Kunsill Mary Haber li ma tistax tattendi għal-laqgħa tal-lum minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-Kunsill ħass li l-assenza tas-Sinjura Attard hija ġustifikata u għaldaqstant qabel unanimament li għandha tiġi skużata.

**61.2 Approvazzjoni tal-kontijiet pendenti relatati mal-binja l-ġdida tal-Kunsill;**

61.2.1 Is-Sindku Paul Azzopardi informa lill-Kunsilliera li huwa sejjaħ din il-laqgħa b'urġenza sabiex jingħalqu l-kontijiet pendenti relatati mal-binja l-ġdida tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, ix-Xewkija. Dan sabiex il-ħlasijiet kollha jkunu magħluqa qabel is-Segretarja l-ġdida, Marion Attard, tibda l-ħidma tagħha fil-Kunsill.

Is-Sindku qal li wara li l-kontijiet imressqa mill-kumpanija *General Lifts Limited* ġew ivverifikati, jirriżulta li fadal bilanċ pendenti ta' € 67,030.53c. Dan l-ammont jaqbel perfettament mal-ammont tal-offerta li ngħatat lil din il-kumpanija fis-sena 2015 mill-Kunsill Lokali tax-Xewkija.

Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill approva unanimament dan il-pagament.

**61.3 L-*audit* annwali tal-Kunsill għas-sena 2016;**

61.3.1 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li bħalissa qegħdin isiru l-preparamenti min-naħa tal-*accountant* tal-Kunsill sabiex isir l-*audit* statutorju tal-Kunsill għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2016.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv innota li l-*financial statements* awditjati kellhom jiġu approvati u mibgħuta lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika sal-Ġimgħa 28 ta' April 2017. Dan ma setax isir minħabba li għal xahar, il-Kunsill kien qed jiffunzjona mingħajr Segretarju Eżekuttiv.

Fid-dawl ta' dan, il-membri qablu li għandna naraw li dan il-proċess jiġi konkluż mill-aktar fis possibbli u li waqt l-*audit* ikun hawn preżenti l-ex-Aġent Segretarju Eżekuttiv Odette Camilleri biex tkun tista' tirrispondi għal xi mistoqsijiet li jista' jkollhom l-awdituri tal-Kunsill.

**61.4 Tmiem tal-laqgħa;**

61.4.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5.00pm. Is-Sindku fakkar li l-laqgħa li jmiss ser issir skont kif skedat, jiġifieri nhar it-Tlieta 16 ta' Mejju 2017 fl-4.30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 16 ta' Mejju 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Paul Azzopardi | Ivan Attard |
| Sindku | Aġent Seg. Eżekuttiv |